



Saħħti@UE (MyHealth@EU)

Informazzjoni għall-pazjenti dwar it-trażmissjoni elettronika transfruntiera ta' sommarju tal-pazjent
Informazzjoni għaċ-ċittadini Ewropej dwar il-kundizzjonijiet, il-fini tal-ipproċessar u l-ħżin tad-*data* personali pprovduta waqt il-kura fir-Repubblika Ċeka u l-użu tal-eHDSI — L-Infrastruttura tas-Servizzi Diġitali tal-e-Saħħa.

1. X'inhi l-Infrastruttura tas-Servizzi Diġitali tal-e-Saħħa?

L-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi Diġitali tal-e-Saħħa (is-servizzi Saħħti@UE (MyHealth@EU)) toffri liċ-ċittadini Ewropej għodda sikura u sempliċi għat-trasferiment tad-*data* dwar is-saħħa mill-pajjiż tal-orijini ta' pazjent għal fornitur tal-kura tas-saħħa f'pajjiż ieħor tal-UE. It-tabib li jagħti l-kura f'pajjiż ieħor tal-UE għandu l-possibbiltà li jikseb l-informazzjoni medika verifikata u sikura dwar il-pazjent li qed jingħata l-kura.

Id-*data* personali tiġi trażmessa bejn il-fruntieri permezz ta' xtiebi tal-informazzjoni siguri — l-hekk imsejħa l-punti ta' kuntatt nazzjonali għall-eSaħħa. Fir-Repubblika Ċeka, il-Ministeru tas-Saħħa huwa l-organizzazzjoni responsabbli għall-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-eSaħħa (ara l-kuntatti hawn taħt). Id-*data* personali tal-pazjenti tiġi dejjem ipproċessata u maħżuna f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn il-pazjent jingħata l-kura (ara d-*data* fil-punt 6).

2. Kategoriji tad-*data* personali trażmessa

Bħala parti mit-trażmissjoni elettronika transfruntiera tas-sommarju tal-pazjent, qed jiġu pproċessati żewġ tipi ta' *data* personali:

- Id-*data* personali amministrattiva tal-pazjent għall-finijiet tal-identifikazzjoni (l-isem, il-kunjom, l-identifikatur, id-*data* tat-twelid, ir-residenza). Il-kontrollur ta' din id-*data* personali huwa l-amministratur tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għall-eSaħħa.
- Id-*data* personali dwar is-saħħa inkluża fis-sommarju tal-pazjent. Il-kontrollur ta' din id-*data* personali sensitiva huwa l-fornitur tal-kura tas-saħħa li jipprovdi l-kura tas-saħħa lill-pazjent.

Is-sommarju tal-pazjent fih informazzjoni rilevanti dwar is-saħħa tal-pazjent, li tiġi pprovduta lit-tabib li jagħti l-kura sabiex ikunu żgurati l-koordinazzjoni u l-kontinwità tal-kura medika tal-pazjent li jkun qed jingħata l-kura f'pajjiż ieħor tal-UE. Is-sommarju tal-pazjent jinkludi, pereżempju, informazzjoni dwar l-allerġiji, il-mediċini, il-mard, jew il-proċeduri kirurġiċi tal-passat.

L-informazzjoni fis-sommarju tal-pazjent tiegħek hija disponibbli sakemm id-*data* personali dwar is-saħħa tiegħek tkun diġà rreġistrata u pprovduta f'forma elettronika minn pajjiżek stess. Jekk jogħġbok irreferi għall-Avviż tal-Infomazzjoni għall-Pazjent ta' pajjiżek għad-dettalji dwar il-kontenut tas-sommarju tal-pazjent tiegħek.

3. X'inhi l-bażi legali għall-użu tad-*data* personali tiegħek fir-Repubblika Ċeka?

Id-*data* personali tiegħek tiġi ttrasferita, ipproċessata u maħżuna f'konformità:

- mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR),
- mad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali,
- mal-Att Nru 372/2011 dwar is-servizzi tas-saħħa u l-kundizzjonijiet għall-forniment tagħhom (l-Att dwar is-Servizzi tas-Saħħa) u d-dispożizzjonijiet relatati (digrieti),
- mal-Att Nru 110/2019 Coll., dwar l-ipproċessar tad-*data* personali.

F'konformità mal-Artikoli 6 u 7 tal-GDPR, is-servizzi Saħħti@UE (MyHealth@EU) se jkunu disponibbli biss jekk is-suppożizzjonijiet legali kollha tal-pajjiż tal-orijini tal-pazjent jiġu ssodisfati għat-trażmissjoni tad-*data* dwar



is-saħħa lill-fornituri tal-kura tas-saħħa fir-Repubblika Ċeka. Dan jikkonċerna, pereżempju, kwalunkwe obbligu legali fuq il-pazjent li jagħti l-kunsens għat-trasferiment tad-data dwar is-saħħa (sommarrju tal-pazjent) fl-istat tal-orìġini qabel ma jivvjaġġa lejn pajjiż ieħor tal-UE. Jekk il-kunsens tal-pazjent ikun meħtieġ u ma jingħatax, id-data dwar is-saħħa (is-sommarrju tal-pazjent) ma tistax tinħareġ mis-servizzi Saħħti@UE (MyHealth@EU) għar-Repubblika Ċeka.

4. X'inhu l-iskop tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek?

Id-data personali se tiġi esklussivament mitluba, ipproċessata u maħżuna għall-fini biex tiġi pprovduta l-kura medika minn fornitur tas-saħħa fir-Repubblika Ċeka. Fir-Repubblika Ċeka, id-data dwar is-saħħa li tinsab f'sommarrju tal-pazjent tista' tiġi pproċessata b'mod sekondarju għall-finijiet tal-arkivjar fl-interess pubbliku, għar-riċerka xjentifika u storika u għall-finijiet tal-istatistika. Dan isir f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni tas-suġġett tad-data.

5. Min jipproċessa u għandu aċċess għad-data mill-pazjenti?

L-aċċess għad-data dwar is-saħħa li tinsab fis-sommarrju tal-pazjent tiegħek għandu jkun ristrett għall-fornituri tal-kura tas-saħħa vverifikati u identifikabbli fir-Repubblika Ċeka (tobba) li huma soġġetti għas-segretezza professjonali.

L-operatur tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPeH) jista' jaċċessa u jaħżen biss data amministrattiva/operazzjonali relatata mal-identifikazzjoni tal-pazjent, li għandha tiġi vverifikata mill-fornitur tal-kura tas-saħħa sabiex jintalab is-sommarrju tal-pazjent (l-identifikatur tal-pazjent). Din id-data tinħażen għal raġunijiet ta' sigurtà sabiex tiġi traċċata u muriġa n-nonripudju ta' tranżazzjoni.

6. Id-data personali fejn tinħażen u għal kemm żmien?

Skont l-Ordni Ministerjali dwar id-Dokumentazzjoni Medika, id-dokumentazzjoni, inkluż is-sommarrju mitlub tal-pazjent, tinżamm għal minimu ta' 5 snin. Dan il-perjodu minimu għandu x'jaqsam mat-trattament ambulatorju. Madankollu, il-perjodi taż-żamma spiss ikunu itwal — pereżempju, 30 sena fil-każ ta' rikoveru fl-isptar.

7. Id-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni tal-pazjenti

Kull fornitur tal-kura tas-saħħa fir-Repubblika Ċeka huwa obligat li jżomm, jaħżen u jipprovdi lill-pazjent l-aċċess għad-dokumentazzjoni medika. Il-pazjenti għandhom id-dritt li d-data tagħhom tiġi kkoreġuta. Id-dritt tal-pazjent li jħassar id-data personali huwa limitat mill-perjodu legali taż-żamma.

Fil-każ tal-ipproċessar tad-data dwar it-traffiku (l-identifikatur tal-pazjent), jinżammu d-drittijiet kollha tas-suġġett tad-data skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, jiġifieri d-dritt u l-aċċess għad-data, ir-rettifika, it-tħassir u r-restrizzjoni tal-ipproċessar.

Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-eSaħħa għar-Repubblika Ċeka — <https://www.nixzd.cz/verejnost-cz-ehealth-dsi-support@nixzd.cz>, tel.: + 420 650 660 997

AMMINISTRATUR	Ir-Repubblika Ċeka — Il-Ministeru tas-Saħħa Palackého nám.4, Praga 2-128 01, Ir-Repubblika Ċeka Tel: + 420 224 971 111 Email: mzcr@mzcr.cz http://www.mzcr.cz/
UFFIĊJAL TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA	Il-Ministeru tas-Saħħa Tel: + 420 224 972 457 Email: Oia@mzcr.cz
OPERATUR	Ir-reġjun ta' Vysočina Žižkova 57, 583 01 Jihlava, Ir-Repubblika Ċeka Tel: + 420 650 660 997 Cz-ehealth-dsi-support@nixzd.cz



My Health @ EU
eHealth Digital Service Infrastructure
A service provided by the European Union



**L-AWTORITÀ NAZZJONALI GĦALL-
PROTEZZJONI TAD-DATA**

L-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data

Pplk.Sochora 27, 170 00 Praga 7

Tel:+ 420 234 665 111, Posta@uouu.cz, <https://www.uouu.cz>